MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 2515/1996/1

*Leisure and Theme Park Limited*
*vs*
*Dr.Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro nominati kuraturi deputati b' digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju 2002 biex jirrappresentaw lill-assenti Dino Frau u Anna Di Francesco*

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu is-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi s-socjeta attrici kienet avvanzat favur Dino Frau s-somma komplessiva ta' hamest elef, hames mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (LM 5527.50) in linea ta' self brevi manu kif jirrizulta mir-ricevuti relattivi;

Illi tali self fuq talba specifika tal-konvenuta Anna Di Francesco, illi ressqet lill-konvenut l-iehor fuq imsemmi u

ddikjarat illi hija kienet sejra tidhol bhala garanti ghall-hlas lura ta’ l-istess somma ta’ flus solidament u indivizibbilment ma l-imsemmi Dino Frau;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula liz-zewg konvenuti, u minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula liz-zewg konvenuti, u minkejja diversi promessi da parti tal-konvenuta Anna Di Francesco, il-pagament ta’ din is-somma baqa’ ma giex effetwat favur is-socjeta’ attrici;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara lil Anna Di Francesco solidament u indivizibbilment responsabbli mal-konvenut Dino Frau ghall-hlas tas-somma ta’ hamest elef, hames mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm 5527.50), dovuta lis-socjeta’ attrici kif fuq premess;
2. Tikkundanna lill-konvenuti solidament u indivizibbilment bejniethom li jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames elef, hames mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm 5527.50), ammont lilha dovut kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji numri 3724/96, 3516/96, 3814/96, 3515/96, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ din ic-citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li jibghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-21 ta’ Mejju 2002 li permezz tieghu din il-Qorti innominat lill-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u lill-Prokuratur Legali Edgar Monatnaro kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-konvenuti assenti f’ dawn il-proceduri;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fejn eccepew: Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lisit tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza

Rat l-affidavits presentati mis-socjeta' attrici;
Ikkunsidrat:-
Illi f' dawn il-proceduri s-socjeta' attrici qeda titlob li din l-Qorti tiddikjara li l-konvenuta Anna Di Francesco hi solidalment indivizibilment responsabbli mal-konvenut Dino Frau ghall-hlas tas-somma ta' Lm5,527.5 dovuti lis-socjeta' attrici; u tikkundanna lill-istess konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu din is-somma, bl-imghax legali u bl-ispejjez.

Illi l-bazi tat-talba kif indikata fl-att tac-citazzjoni hija li s-socjeta' attrici kienet avvanzat l-imsemmi ammont b' self brevi manu a favur tal-konvenut Dino Frau, u li l-konvenuta Anna Di Fransco ghamlet garanti ghal dan is-self. Illi minkejja diversi interpellanzi maghmula lill-konvenuti ghall-pagament tal-imsemmi ammont dawn baqghu inadempjenti.

Illi in sostenn tat-talbiet taghha l-attrici pprezentat zewg affidavits, wiehed ta' Dr.Carmelo Brincat ko direttur tas-socejeta' attrici, u l-iehor ta' Michael Farrugia General Manager fl-istess socjeta'.

Illi mill-provi mressqa mill-attrici rrizultaw is-segwenti fatti li ma gewx kontradetti. Illi l-konvenuta Anna Di Francesco, mart il-konvenut Dino Frau kienet kkonkludiet ftehim mas-socjeta' attrici biex jingieb Luna Park f' Malta. "Il-ftehim kien sar ma Anna Di Francesco, il-mara ta' Dino Frau, u kienet hi li organizzat kollox biex tibghat l-apparat hawn Malta ………. Fil-fatt l-apparat dahal f' Malta f' isem Anna di Francesco u hi ffirmat il-kuntratt relattiv mal-kumpanija."[1]

[1] Affidavit Michael Farrugia – fol.39

Jidher mill-istess affidavit li dan il-ftehim kien sar ghal habta tas-sena 1992, u cioe' sena wara li kien ingieb l-istess Luna Park f' Malta izda f' dik l-okkazzjoni that id-direzzjoni tal-konvenut Dino Frau. Fit-tieni okkazzjoni pero' peress li dana kien sab xi diffukultajiet biex jidhol Malta, il-ftehim sar mill-konvenuta u l-organizzazjoni tal-Luna Park saret ukoll that id-direzzjoni taghha, u l-konvenut l-iehor ma kellu x' jaqsam xejn, guridikament, ma' dan il-ftehim. Di fatti kif jirrizulta mill-istess affidavit ta' Michael Farrugia u ukoll kif jidher mill-kopja tal-ftehim anness mal-istess, kienet il-konvenuta li ffirmat, ghalkemm fuq il-kliem "DINO FRAU"[2].

Illi mill-provi rrizulta wkoll li matul l-operar tal-Luna Park f' Malta, il-konvenuta Anna Di Francesco rriskonstrat diffikultajiet finanzjarji, bir-rizultat li fi tlett okkazzjonijiet hija ffirmat skrittura fejn ghamlitha ta' garanti ghal-hlas tas-somom ta' Lm1,350[3]; Lm300[4]; u s-somma ta' Lm3,877.5[5]. F' dawn it-tlett skritturi l-konvenuta ghamlet dikjarazzjoni li ser tiggarantixxi l-pagament ta' dawn il-flus.

Illi jigi osservat li l-provi mressqa mis-socjeta' attrici kemm dwar l-esistenza kif ukoll dwar il-*quantum* tal-kreditu ma gew kontradetti bl-ebda mod, u din il-Qorti, in mankanza ta' provi kuntrarji, qed tikkonsidera l-fatti kif esposti mix-xhieda attrici flimkien mad-dokumenti esebiti bhala provi li jissodisfaw l-grad rikjest mill-ligi f' kawzi civili.

Illi l-Qorti tosserva li mill-kwadru tal-fatti li ddelinea ruhu, il-ftehim li sar bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta Anna Di Francesco, huwa *res inter alios acta* ghal-konvenut Dino Frau. Din ikkuntrattat f' isimha proprju kif jidher car kemm mix-xhieda ta' Micahel Farrugia kif ukoll mill-kopja tal-iskrittura esebita. Il-konvenut Dino Frau ma kienx partecipi ghal dan il-ftehim u ghalhekk huwa estraneu ghall-istess – *res inter alios acta, aliis nequet nocet, neque prodest.*

---

[2] Fol.49
[3] Fol.42
[4] Fol.43
[5] Fol.44

Illi l-istess konsiderazzjoni tapplika ghas-self, li sar mis-socjeta' attrici favur terzi, fuq talba tal-konventa Di Francesco u li gie garantit minnha f' isimha proprju; u ghal-liema rapport japplika d-dispost tal-Artikolu 1941 li jistipula li "Il-garanti fi hwejjeg ta' kummerc, ma ma jkunx hemm ftehim xort' ohra, jitqies dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur". Illi f' dan il-kaz jirrizulta car li s-self kien sar in vista tar-rapport kummercjali esistenti bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta Anna Di Francesco u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu precitat, kif ukoll l-Artikolu 1935 [b] tal-Kap.16 li jeskludi l-beneficju tal-eskussjoni fil-kaz ta' solidarjeta'.

Illi mis-suespost ghandu jirrizulta car li t-talbiet attrici ma jistghux ireggu fil-konfront tal-konvenut Dino Frau, izda huma sostnuti fil-fatt u fil-ligi fil-konfront tal-konvenuta l-ohra Anna Di Francesco li ghandha tonera l-obbligu taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Anna Di Francesco biss, u filwaqt li tiddikjaraha responsabbli ghar-rifuzjoni u pagament tas-somma ta' hamest elef hames mija seba u ghoxrin lira maltin u hamsin centezmu [Lm5,527.50c] kif fuq premess, tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici din is-somma ta' Lm5,527.50, flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez. Tillibera lill-konvenut Dino Frau mill-osservanza tal-gudizzju, ghar-ragunijiet fuq esposti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------